**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' Knejjes u Superjuri Reliġjużi

**ĠABRA GĦALL-ISKEJJEL TAL-KNISJA**

Bħal kull sena, il-Knisja qiegħda tappella għall-ġenerożità tal-membri tagħha biex jgħinuha tipprovdi l-mezzi finanzjarji biex l-iskejjel tal-Knisja f'Malta jkunu jistgħu jkomplu jaqdu u jġibu 'l quddiem il-missjoni tagħhom ta' edukazzjoni ta' eluf ta' tfal u żgħażagħ.

Għal dan il-għan, il-ġbir kollu li jsir fil-quddies tas-Sibt filgħaxija u tal-Ħadd, 17 u 18 ta' dan ix-xahar, se jmur għall-Fond tal-Iskejjel tal-Knisja.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 5 ta' Novembru 2018.

Lawrence Gatt<br>Kanċillier

✠ Joseph Galea Curmi<br>Isqof Awżiljarju<br>Vigarju Generali

(Nota: Il-flus għall-iskejjel tal-Knisja għandhom jiġu mgħoddija, mingħajr ebda tnaqqis, lis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika, 16, Triq il-Mall, il-Furjana FRN1472, mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar 2019. Ċekkijiet għandhom ikunu intestati lis-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika).